MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 287/2008

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

vs

Brian Dingli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 527271(M), akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fit-3 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda uza, jew kellu fil-pussess tieghu, gewwa jew barra minn kazinò, karti, dadi jew muniti li kien jaf li gew markati, mtaqqla jew imbaghbsa;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq ghad-dannu tal-Casino di Venezia f'ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu.

Il-Qorti mitluba li sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata. Mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija johrog car il-fat tal-qerq adoperat mill-imputat sabiex jiddefrawda l-Casinò di Venezia ghal gwadann tieghu. Issa dwar kif l-imputat kien ser jisufruwixxi personalment baqa incert diversament ghal gwadann li ghamlu terzi injoti bl-intercezzjoni tal-imputat.

Ikkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat.

Rat ai fini ta' piena l-Artikolu 18, 42 (d), 43, 309, 310 (1) (a) tal-Kap 9 tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------